TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 48/11

**Elisa Vella**
**vs**
**Green Supplier Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u sebgħin ewro (€170), rappreżentanti prezz ta' pot u pjanta, liema pot spiċċa mxaqqaq u l-pjanta mietet.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi kienet ingħatat pot u pjanta bħala rigal, illi rriżulta li l-pot kien ixxaqqaq u wara ftit żmien il-pjanta mietet ukoll u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi fl-ewwel lok l-isem tas-soċjeta' intimata mhix dik imħarrka, kif ukoll illi kull pjanta tikber u din il-pjanta għandha diversi għeruq, illi meta l-għeruq jibdew jinfirxu, l-pot irid jinbidel minħabba l-fatt illi l-pot isir żgħir għall-pjanta meta tikber, u di piu trid tieħu ħsieb il-pjanta, u meta nxtrat il-pjanta dina kienet b'saħħitha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-pjanta hija xi ħaġa ħajja u għalhekk trid tieħu ħsiebha u wieħed għandu jinduna illi l-għeruq jikbru u għalhekk dan jista' jkun il-kaġuni għall-fatt illi l-pot ixxaqqaq. Għar-rigward il-pjanta innifisha, t-Tribunal jinnota illi l-pjanta kienet f'saħħitha meta nxtrat u ma ġabu l-ebda prova illi l-pjanta kienet xi pjanta marida.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888